MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 724/2008

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Hotels International Limited (C1380).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' elfejn, disa' mija, tmienja u hamsin Ewro u sitt centezmi (€2,958.06), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21572437/8, 21572531, u 21580941, u minkejja li l-istess socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet mid-data tal-

prezentata ta' l-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet (i) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ammont reklamat m'huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta; (ii) illi s-socjeta' konvenuta tirriserva li tressaq aktar linji ta' difiza wara li s-socjeta' attrici tressaq prospett dettaljat minn fejn gejjin l-ammonti dovuti minghand is-socjeta' konvenuta; (iii) salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri prodott mis-socjeta attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi mix-xhieda moghtija mill-P.L. Noel Scerri, kif ukoll mid-dokumenti esebiti, jidher car illi s-socjeta' konvenuta ghamlet uzu minn diversi servizzi telefonici differenti, li ghalihom kienet iffirmat kuntratti, jew ahjar '*agreements for the installation and use of a telephone exchange line'*. Mill-prospetti dettaljati esebiti mis-socjeta' attrici fir-rigward ta' kull servizz telefoniku, jidher car illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu pendenti, u skond ix-xhieda guramentata tal-istess P.L. Scerri l-ammont pretiz ghadu dovut sa llum mis-socjeta' konvenuta.

Illi alavolja inghatat diversi opportunitajiet sabiex tressaq il-provi taghha, s-socjeta' konvenuta naqset ghal kollox milli taghmel dan, u ghalhekk fin-nuqqas ta' provi kontradittorji, t-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux jistrieh fuq il-provi prodotti mis-socjeta' attrici u jilqa t-talba taghha ghal kundanna ta' hlas.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' l-konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-

socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, disa' mija, tmienja u hamsin Ewro u sitt centezmi (€2,958.06), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------